IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2023
COM(2023) 247 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Rapport Annwali dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore fl-Unjoni Ewropea għall-2021

Werrej

1. INTRODUZZJONI....2
2. BAŻI ĠURIDIKA....3
3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA....3
4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE TAL-UE....4
4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni....4
4.2 Spezzjonijiet offshore, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju....7
5. INĊIDENTI U PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA....8
6. KONKLUŻJONIJIET....10

1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea ilha mill-2016 tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

Il-bażi ġuridika ta' dan ir-rapport hija d-Direttiva 2013/30/UE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (id-"Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore"). Din għandha l-għan li tikseb livell għoli ta' sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, għall-ġid ta':

i. il-ħaddiema,

ii. l-ambjent,

iii. il-pjattaformi u t-tagħmir offshore, u

iv. u l-attivitajiet ekonomiċi, bħas-sajd u t-turiżmu.

Id-Direttiva, kif implimentata mill-Istati Membri, tgħin biex:

i. ikunu evitati l-aċċidenti u l-inċidenti kbar;

ii. jonqos l-għadd ta' inċidenti;

iii. ikun żgurat segwitu effettiv tal-aċċidenti u tal-inċidenti biex tonqos is-severità tal-konsegwenzi tagħhom.

Bħalma sar fir-rapporti tal-passat, dan ir-rapport annwali:

i. jagħti l-għadd u t-tip ta' installazzjonijiet fl-UE;

ii. jipprovdi informazzjoni dwar l-inċidenti tas-sikurezza f'dawn l-installazzjonijiet; u

iii. jivvaluta l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

Ir-rapport issa jkopri perjodu ta' sitt snin. Jagħti rendikont tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass offshore tal-Istati Membri.

Dan ir-rapport hu bbażat fuq rapporti nazzjonali annwali u d-*data* ppreżentata mill-Istati Membri kif teżiġi d-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore.

Hemm 171 installazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Oċean Atlantiku, 164 fil-Baħar Mediterran, 8 fil-Baħar l-Iswed u 4 fil-Baħar Baltiku. Fl-2021, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw is-sikurezza ta' 248 installazzjoni offshore fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-pajjiżi ma rrappurtaw l-ebda aċċident kbir.

L-għadd ta' inċidenti żdied minn 16 fl-2020 għal 26 fl-2021.

[1] ĠU L 178, 28.06.2013, p. 66.

2. BAŻI ĠURIDIKA

F'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-Kummissjoni trid tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza u l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Dan ir-rapport hu bbażat fuq rapporti annwali li l-Istati Membri jridu jippreżentaw lill-Kummissjoni. L-Anness IX(3) tad-Direttiva jistabbilixxi l-informazzjoni minima li jrid ikun fihom ir-rapporti:

(a) l-għadd, l-età u l-post fejn jinsabu l-installazzjonijiet;
(b) l-għadd u t-tip ta' spezzjonijiet u tal-investigazzjonijiet imwettqa, flimkien mal-azzjonijiet ta' infurzar jew l-kundanni;
(c) l-inċidenti li ġraw;
(d) kull bidla kbira fil-qafas regolatorju offshore; u
(e) il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

L-Istati Membri jridu jippubblikaw u jippreżentaw l-informazzjoni meħtieġa sal-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu tar-rappurtar (eż. l-1 ta' Ġunju 2022 għall-2021).

L-Istati Membri jridu jippreżentaw l-informazzjoni skont il-mudelli pprovduti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014[2]. Il-mudelli jippermettu li:

i. l-operaturi u s-sidien tal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore jikkondividu informazzjoni dwar indikaturi ta' perikli kbar;

ii. l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar.

Dokument ta' gwida[3] jipprovdi informazzjoni speċifika dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u jispjega kif iridu jintużaw il-mudelli tar-rappurtar.

3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA

L-Istati Membri jridu jippreżentaw informazzjoni definita b'mod ċar dwar l-inċidenti tas-sikurezza fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore billi jużaw il-mudelli. Id-*data* trid tkun tinkludi informazzjoni dwar l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE, bħal pereżempju l-għadd, it-tip, il-post u l-età. Ir-rapporti tal-Istati Membri jridu jipprovdu wkoll informazzjoni dwar l-għadd ta' (i) spezzjonijiet offshore, investigazzjonijiet u azzjonijiet ta' infurzar meħuda; (ii) l-inċidenti skont il-kategorija; u (iii) il-korrimenti.

Għal dan ir-rapport annwali, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni li taw il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja. L-Istati Membri l-oħra ma kinux attivi fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore jew ma ppreżentawx informazzjoni rilevanti.

L-Istati Membri kollha b'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore iddikjaraw li kienu ppreżentaw l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-installazzjonijiet kollha.

---

2 ĠU L 302, 22 October 2014, p. 2.

3 https://euoag.jrc.ec.europa.eu/files/attachments/2015_11_25_implementing_regulation_guidance_document_final.pdf

4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE TAL-UE

4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni

Fl-2021, l-Istati Membri rrappurtaw 347 installazzjoni fl-ilmijiet tal-UE (ara t-Tabella 1):

- Ħafna mill-installazzjonijiet offshore[4] jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku.
- Madwar 43% jinsabu fil-parti Olandiża tal-Baħar tat-Tramuntana (magħrufa bħala ż-żona ekonomika esklużiva tan-Netherlands).
- Fil-Baħar Mediterran, l-Italja hi attiva l-aktar, bi 40% tal-installazzjonijiet kollha fl-ilmijiet tal-UE, u warajha l-Kroazja.
- Fil-Baħar l-Iswed, ir-Rumanija għandha industrija taż-żejt u tal-gass offshore stabbilita sew. Il-Bulgarija kompliet l-esplorazzjoni tal-idrokarburi offshore, iżda għandha biss installazzjoni waħda u għalhekk ftit li xejn tipproduċi żejt u gass.
- Fil-Baħar Baltiku, il-Polonja biss għandha installazzjonijiet offshore.

[4] L-unitajiet mobbli tat-tħaffir offshore mhumiex parti mid-*data* fit-Taqsima 4.1.

Tabella 1: Installazzjonijiet fl-1 ta' Jannar 2021: tip ta' installazzjoni skont ir-reġjun u l-Istat Membru

Reġjun	**Pajjiż**	**Tip ta' installazzjoni(*)**					
		FMI	NUI	FNP	FPI	Total (reġjun/ pajjiż)	Bidla mqabbla mal-2020
Il-Baħar Baltiku		3	1	0	0	4	--
	Il-Polonja	3	1	0	0	4	--
Il-Baħar l-Iswed		5	3	0	0	8	-1
	Il-Bulgarija	0	1	0	0	1	--
	Ir-Rumanija	5	2	0	0	7	-1
Il-Baħar Mediterran		16	146	0	2	164	-1
	Il-Kroazja	2	17	0	0	19	-1
	Il-Greċja	1	1	0	0	2	--
	L-Italja	12	126	0	2	140	--
	Spanja	1	2	0	0	3	--
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		55	115	1	0	171	-14
	Id-Danimarka	7	11	1	0	19	-11
	Il-Ġermanja	1	1	0	0	2	--
	L-Irlanda	2	0	0	0	2	--
	In-Netherlands	45	103	0	0	148	-3
Total (tip ta' installazzjoni)		79	265	1	2	347	-16

(*) FMI: Installazzjoni fissa, b'ekwipaġġ; FNP: Installazzjoni fissa, mhux tal-produzzjoni; FPI: Installazzjoni tal-produzzjoni f'wiċċ l-ilma; NUI: Installazzjoni normalment bla ekwipaġġ.

Aktar minn nofs l-installazzjonijiet offshore bdew joperaw bejn l-1980 u l-2000; fl-2021 ma bdiet topera l-ebda installazzjoni fissa ġdida. Mill-2010 sal-lum, l-iżvilupp tal-installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni naqas notevolment fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku.

Madwar 81% taż-żejt u l-gass domestiċi tal-UE (14 710 kilotunnellata ta' żejt ekwivalenti) jiġu prodotti fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku (ara t-Tabella 2). L-akbar kontributuri hemmhekk huma n-Netherlands u d-Danimarka. L-Italja u l-Kroazja huma l-akbar produtturi fil-Baħar Mediterran. Fil-Baħar l-Iswed, il-produzzjoni tar-Rumanija biss hi sinifikanti.

Tabella 2: Il-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE f'kilotunnellati ta' żejt ekwivalenti (ktoe) fl-2021

Reġjun	**Pajjiż**	**ktoe**	**% tat-total tal-UE**	**% bidla mqabbla mal-2020**
Il-Baħar Baltiku		**267**	**1,5%**	**+7,2%**
	Il-Polonja	267	1.5%	+7,2%
Il-Baħar l-Iswed		**1 051**	**5.8%**	**-10,9%**
	Il-Bulgarija	14	0.1%	-53,9%
	Ir-Rumanija	1 037	5.7%	-9,7%
Il-Baħar Mediterran		**2 159**	**11.9%**	**-22,6%**
	Il-Kroazja	185	1.0%	-23,2%
	Il-Greċja	63	0.3%	-35,1%
	L-Italja	1902	10,5%	-21,5%
	Spanja	9	0.05%	-70%
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		**14 710**	**80,9%**	**-6,4%**
	Id-Danimarka	4 561	25,1%	-7,4%
	Il-Ġermanja	854	4.7%	-4%
	In-Netherlands	9 295	51,1%	-5,4%
Total		**18 187**	**100%**	**-8,8%**

Il-produzzjoni żdiedet kemxejn fil-Polonja iżda naqset fl-Istati Membri l-oħra kollha, b'mod partikolari fil-Bulgarija, fil-Greċja u fil-Kroazja. Meta mqabbel mal-produzzjoni fl-Istati Membri fl-2020, fl-2021 kien hemm telf ta' 9% fil-produzzjoni (madwar 1 754 kilotunnellata ta' żejt ekwivalenti).

Mill-produzzjoni ġenerali fl-UE mkejla f'kilotunnellati ta' żejt ekwivalenti (ktoe), 70% kienu gass u 30% biss żejt. Bi 3335 ktoe, id-Danimarka kienet l-aktar produttur importanti taż-żejt, u warajha l-Ġermanja (843 ktoe), l-Italja (430 ktoe) u n-Netherlands (416 ktoe).

4.2 Spezzjonijiet offshore, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju

Fl-2021, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw b'mod regolari l-installazzjonijiet offshore fil-ġurisdizzjoni tagħhom (ara t-Tabella 3) – aktar ma l-pajjiż kellu installazzjonijiet, aktar normalment wettaq spezzjonijiet.

Meta mqabbel mal-2020, l-għadd ta' spezzjonijiet, jiem tax-xogħol fuq l-installazzjonijiet għall-ispezzjonijiet u l-għadd ta' installazzjonijiet spezzjonati żdiedu. B'mod partikolari, l-ispetturi qattgħu ħafna iżjed ħin fuq l-installazzjonijiet milli għamlu fl-2020.

Tabella 3: Spezzjonijiet offshore skont ir-reġjun u l-Istat Membru fl-2021

Reġjun	**Pajjiż**	**Spezzjonijiet**	**Jiem tax-xogħol fuq l-installazzjoni (il-ħin tal-ivvjaġġar eskluż)**	**Għadd ta' installazzjonijiet spezzjonati**
Il-Baħar Baltiku		**2**	**12**	**5**
	Il-Polonja	2	12	5
Il-Baħar l-Iswed		**11**	**54**	**7**
	Il-Bulgarija	0	0	0
	Ir-Rumanija	11	54	7
Il-Baħar Mediterran		**279**	**420**	**179**
	Il-Kroazja	51	51	9
	Ċipru	1	3	1
	Il-Greċja	2	26	2
	L-Italja	222	339	164
	Spanja	3	1	3
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		**66**	**163**	**57**
	Id-Danimarka	20	87	18
	Il-Ġermanja	2	4	1
	L-Irlanda	6	42	3
	In-Netherlands	38	30	35
Total		**358**	**649**	**248**

L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore jagħti drittijiet u setgħat lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fuq l-operazzjonijiet u l-installazzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dawn is-

setgħat jinkludu d-dritt li jipprojbixxu operazzjonijiet u li jeżiġu miżuri li jiżguraw il-konformità tal-ġestjoni tar-riskju u operazzjonijiet sikuri.

Fl-2021, il-Kroazja bdiet investigazzjoni waħda ta' aċċident kbir. Fl-2020, id-Danimarka u l-Kroazja wettqu investigazzjoni kull wieħed[5].

Fl-2021, l-ebda Stat Membru ma ħa azzjoni ta' infurzar. L-unika azzjoni ta' infurzar fl-2020 ħaditha d-Danimarka.

5. INĊIDENTI U PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

L-operaturi u s-sidien tal-installazzjonijiet u l-awtoritajiet nazzjonali jridu jirrappurtaw kull aċċident jew sitwazzjoni ta' periklu serju (imsejjaħ "avveniment"). Iżda avveniment wieħed jista' jkun ikkategorizzat minn inċident wieħed jew aktar. Ngħidu aħna, żewġ kategoriji ta' inċidenti jridu jiġu notifikati għall-istess avveniment meta jkun hemm (a) rilaxx mhux intenzjonat ta' gass li jkun jeżiġi (b) l-evakwazzjoni tal-persunal.

L-Istati Membri rrappurtaw 26 avveniment[6] fl-2021 meta mqabbla mal-15 fl-2020:

- Id-Danimarka – 13-il avveniment iżda l-ebda aċċident kbir (8 fl-2020, inkluż aċċident kbir wieħed).
- In-Netherlands – 11-il avveniment iżda l-ebda aċċident kbir (4 fl-2020).
- Il-Kroazja – 2 avvenimenti iżda l-ebda aċċident kbir (3 fl-2019).

L-aċċidenti l-kbar jinkludu l-inċidenti li jistgħu jikkawżaw fatalitajiet jew korrimenti serji (anki jekk ma kienx hemm).

Mill-inċidenti li ġraw fl-2021, 77% jaqgħu fil-kategorija tar-rilaxxi mhux intenzjonati tal-gass u/jew taż-żejt, 11.5% huma relatati ma' fallimenti fl-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza, u 11.5% huma dwar it-telf ta' integrità strutturali. Fuq nota pożittiva, ma ġiet rappurtata l-ebda ħabta ta' xi bastimenti jew aċċident bil-ħelikopters, u l-ebda wieħed mill-inċidenti ma wassal imwiet.

[5] Id-Danimarka wettqet investigazzjoni dwar aċċident kbir, filwaqt li l-Kroazja wettqet investigazzjoni dwar tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent.

[6] L-obbligu tar-rappurtar ma jkoprix ċerti avvenimenti (eż. dawk li mhumiex relatati mal-operazzjonijiet).

Tabella 4: Inċidenti skont il-kategorija (stabbiliti fl-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore) fl-2021

Kategorija		**Total**	**Sehem tat-total tal-kategorija**	**Sehem tal-inċidenti totali**
(a)	**Rilaxxi mhux intenzjonati – total**	**20**	**100%**	**76,92%**
	Nirien ikkawżati minn żejt/gass imqabbad	1	5%	3,85%
	Splużjonijiet ikkawżati minn żejt/gass imqabbad	0	0%	0%
	Gass mhux imqabbad	6	30%	23,08%
	Żejt mhux imqabbad	10	50%	38,46%
	Sustanza perikoluża	3	15%	11,54%
(b)	**Telf ta' bjar – total**	**3**	**100%**	**11,54%**
	Żbroffi	0	0%	0%
	Attivazzjoni tat-tagħmir tal-prevenzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni tal-flussi	3	100%	11,54%
	Ħsara fl-ilqugħ tal-bjar	0	0%	0%
(c)	**Falliment fl-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza**	**3**	**100%**	**11,54%**
(d)	**Telf ta' integrità strutturali – total**	**0**	**0%**	**0%**
	Telf ta' integrità strutturali	0	0%	0%
	Telf ta' stabbiltà/kapaċità taż-żamma f'wiċċ l-ilma	0	0%	0%
	Telf ta' stabbiltà fl-istess post	0	0%	0%
(e)	**Ħabtiet tal-bastimenti**	**0**		
(f)	**Aċċidenti tal-ħelikopters**	**0**		
(g)	**Aċċidenti fatali(*)**	**0**		
(h)	**Korriment serju ta' ħames persuni jew aktar fl-istess aċċident**	**0**		
(i)	**Evakwazzjoni tal-persunal**	**0**		
(j)	**Aċċidenti ambjentali**	**0**		
Total		**26**		**100%**
(*) *Biss jekk ikunu relatati ma' aċċident kbir.*				

Fl-UE, it-total tal-inċidenti żdied minn 16 fl-2020 (ir-Renju Unit eskluż) għal 26 fl-2021 (ara hawn taħt). Dan hu kważi ekwivalenti għall-2018.



Ħafna minn din iż-żieda hi dovuta għal żieda fl-għadd tax-rilaxxi mhux intenzjonati taż-żejt u tal-gass. L-inċidenti li jinvolvu t-telf tal-bjar żdiedu minn żero għal tlieta bejn l-2020 u l-2021. Fuq nota aktar pożittiva, l-ebda inċident ma ġie kklassifikat bħala aċċident kbir fl-2021, imqabbel mat-tnejn fl-2020.

6. KONKLUŻJONIJIET

Fl-2021, kien hemm 347 installazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE. Il-produzzjoni ġenerali taż-żejt u tal-gass naqset minn 19 941 kilotunnellata ta' żejt ekwivalenti fl-2020 għal 18 187 kilotunnellata ta' żejt ekwivalenti fl-2021. Id-Danimarka u n-Netherlands ipproduċew 76% taż-żejt u tal-gass offshore totali tal-UE.

Il-Kummissjoni vvalutat is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tal-informazzjoni li taw l-Istati Membri f'konformità mar-regoli tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rappurtar. Għalhekk, l-eżattezza tal-analiżi tal-Kummissjoni tiddependi fuq l-eżattezza ta' din l-informazzjoni.

Fl-2021, l-awtoritajiet nazzjonali komplew l-isforzi tagħhom biex jiżguraw livell għoli ta' sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore billi spezzjonaw 248 installazzjoni (meta mqabbla mal-141 fl-2020). L-ebda pajjiż ma rrapporta azzjoni ta' infurzar.

Ma kien hemm l-ebda aċċident kbir fl-2021, imqabbla mat-tnejn fl-2020. It-total tal-inċidenti (kif ikkategorizzat fit-Tabella 4) żdied minn 16 fl-2020 għal 26 fl-2021, l-aktar minħabba żieda tal-inċidenti fin-Netherlands (minn 4 għal 11). L-Istati Membri rrapportaw li ġraw 22 korriment u 4 korrimenti serji.

Bħala konklużjoni, bis-saħħa tal-ispezzjonijiet obbligatorji u l-azzjoni korrettiva meħuda, f'konformità mad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-ħidma tal-awtoritajiet tal-Istati Membri reġgħet issarrfet f'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore aktar sikuri.

Biex jinżamm dan il-livell għoli ta' sikurezza, il-Kummissjoni qed tkompli taħdem mill-qrib mal-Grupp tal-Awtoritajiet Offshore tal-Unjoni Ewropea (EUOAG). L-EUOAG jippromwovi l-aqwa prattiki għat-twettiq sikur tal-operazzjonijiet kollha, u jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali rrappreżentati fil-grupp.